**Diskors Ftuħ tas-Sena Forensi 2 ta' Ottubru 2017**

Din is-sena ma inhix bi ħsiebni noqgħod nanalizza l-prestazzjoni tal-qrati, kemm morna 'l quddiem fl-ipproċessar tal-kawżi ta' self, kummerċ, ċnus, kera, spoll, proprjeta', u kawżi kriminali, jew dwar kemm qtajna sentenzi, jew biex nifraħ dwar risorsi ġodda u nilmenta dwar risorsi nieqsa. Rrid minflok nitkellem l-aktar dwar l-għan ewlieni ta' dan kollu.

Għalhekk din is-sena irrid nimbarka mill-ewwel filli nesprimi xi ħsibijiet dwar ċerti prinċipji fundamentali li fis-snin li għaddew deherli ma kienx neċessarju nelabora wisq dwarhom peress li fil-fehma tiegħi kienu wisq bażiċi u allura elementari f'soċjeta' demokratika moderna li wieħed jiddiskutihom. Illum jien ta' fehma differenti. Llum jien tal-fehma li jeħtieġ li nmorru lura għal dak li hu bażiku sabiex dan ma jintesiex u niftakru dejjem fir-raġuni tal-eżistenza tal-Ġudikatura u dak li għandu jimmotivana bħala ġudikanti.

Fis-snin li għaddew tkellimt ħafna, u ħafna oħrajn tkellmu wkoll, dwar id-dewmien fil-proċeduri fil-qrati, il-kawżi ta' dan, in-nuqqas ta' Imħallfin u Maġistrati, l-insuffiċjenza tar-riżorsi materjali, finanzjari u personali, in-nuqqas ta' spazju, nuqqas ta' fondi għal-librerija, d-dewmien biex jimtlew

il-vakanzi fil-Ġudikatura u d-dewmien fir-reklutaġġ ta' impjegati meta n-numru jonqos minħabba mewt, rtirar jew trasferiment ta' membri tal-istaff amministrattiv u ħwejjeġ oħra. Dawn huma kollha importanti iżda fil-verita' dawn il-ħwejjeġ ma humiex l-għan ewlieni tal-eżistenza tagħna bħala Ġudikatura iżda huma biss mezzi biex jintlaħaq il-veru għan tagħna.

U l-għan li għalih teżisti l-Ġudikatura u li lejh hi mmirata l-ħidma kollha tagħha huwa s-salvagwardja tas-Saltna tad-Dritt, jew kif tissejjaħ bl-Ingliż ir-*Rule of Law*. Jingħadu ħafna affarijiet dwar il-Qrati matul is-sena iżda ftit li xejn jiġi diskuss dan il-kunċett illum meqjus bħala li għandu jkun mhux sempliċement l-għan ta' demokrazija ewropeja moderna iżda bħala li għandu jkun propju l-fondament tal-Istat, il-pedament permanenti li fuqu jistrieħ kull Stat demokratiku. Qabel kellna s-saltna tas-Sultan, tar-Re jew Reġina, għaliex dan kien meqjus is-Sovran. Ilum is-sovran rikonxxut fi stat demokratiku huwa d-Dritt, *The Law*, u għalhekk nitkellmu fuq is-Saltna tad-Dritt, *The Rule of Law*.

F'okkażżjoni preċedenti ġia wrejt il-fehma tiegħi li l-għoti ta' amnestiji minn żmien għal żmien lil min jikser il-liġi jikkostitwixxi theddida għas-Saltna tad-Dritt u joħloq fost il-persuni li jirrispettaw il-liġi u li josservawha

skrupolożament sens qawwi ta’ inġustizzja għaliex il-liġi ma tibqax ugwali għal kulħadd.

Dan l-aħħar saret kważi moda li meta ssir kritika kif ċerti nies jitħallew jiksru l-liġi impunement dawn in-nies jgħidulek: “għax kulħadd irid jiekol”. Iżda għalhekk hemm is-Saltna tad-Dritt, sabiex verament kulħadd jiekol, u mhux biss il-prepotenti, l-ispavaldi u dawk li jiġu jaqgħu u jqumu mil-liġi. Is-Saltna tad-Dritt għalhekk ma hux xi kunċett astratt biex l-avukati jkollhom fuq x’hix jiddiskutu iżda kull ċittadin ikollu jsofri l-konsegwenzi meta tiġi nieqsa s-Saltna tad-Dritt.

Hekk isofru dawk il-pedoni li ma jistgħux jużaw il-bankina għaliex tiġi ngombrata bi mwejjed u siġġijiet kontra l-liġi, isofru dawk l-utenti tat-triq minħabba karozzi pparkjati kontra l-liġi li jostakolaw il-libera ċirkolazzjoni tat-traffiku, isofri min iħobb l-ambjent b’bini mibni kontra l-liġi li jkerraħ l-inħawi u li jagħlaq l-aċċess għad-dawl u l-arja, jsofru dawk iċ-ċittadini li jmorru jiddevertu l-baħar u ma jsibux spazju fejn jistgħu joqgħodu minħabba d-*deckchairs* li illegalment jingombraw kullimkien. Dawn kollha huma konsegwenzi li jiġru fejn tiġi nieqsa s-Saltna tad-Dritt.

Iżda tajjeb għalhekk li nifhmu sew xi tfisser is-Saltna tad-Dritt. Ma tfissirx is-Saltna tal-Liġi  jew tal-Leġislazzjoni. Kieku kienet tfisser hekk allura l-Istati l-aktar despotiċi u totalitarji kienu huma wkoll ikunu konformi mas-Saltna tad-Dritt għaliex huma wkoll jagħmlu ħafna u  ħafna liġijiet. Is-Saltna tad-Dritt tfisser ħafna aktar  minn hekk. Is-Saltna tad-Dritt tesiġi ċerti kwalitajiet fil-liġijiet li  jsiru u  tipprovdi l-miżuri  jew standards li jridu jiġu osservati minn min  għandu d-dover li japplika u jinforza l-liġijiet. Hekk  is-Saltna tad-Dritt, ir-*Rule of Law*, tesiġi li l-liġijiet ikunu  mfissra jew definiti bi kjarezza, li l-liġi tkun tipprovdi ċertezza u prevedibilita' b'mod li kull persuna tkun tista' tbassar il-konsegwenzi legali tal-għemil tagħha. Il-liġijiet iridu  josservaw il-prinċipju tal-proporzjonalita' b'mod li l-miżura jew miżuri proposti mil-liġi jridu jindirizzaw b'mod bilanċjat il-problemi li jfittxu li  jsolvu.

Peress li l-mira tad-Dritt huwa  t-twettieq tal-Ġustizzja, u l-Ġustizzja tiddetta l-ugwaljanza ta' trattament taċ-ċittadini  kollha, s-Saltna tad-Dritt tesiġi li l-liġijiet ma jkunux diskriminatorji. Is-soċjeta' demokratika moderna u s-Saltna tad-Dritt jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' kontrolli fuq is-setgħat tal-Istat tant li tissottometti lill-Awtorita' Leġislattiva, u allura lill-Parlament, għad Drittijiet Fundamental tal-Individwu kif mfissra mill-Qrati li ma jistgħux jiġu mittiefsa anqas mill-Parlament. Ir-rispett tad-Drittijiet

Fundamentali tal-Bniedem hu għalhekk komponent qawwi tas-Saltna tad-Dritt.

Fi ftit kliem li kulħadd jista' jifhem, is-Saltna tad-Dritt hija l-oppost tas-Saltna tal-Imgħawweġ. Liġi li ma tirrispettax il-prinċipji li jien semmejt ma tkunx liġi li tirrispetta s-Saltna tad-Dritt iżda tikkontribwixxi għas-Saltna tal-Imgħawweġ.

Hemm aspett ieħor tas-Saltna tad-Dritt. Is-Saltna tad-Dritt ma tistax issaltan jekk il-liġijiet li jsiru, u li huma ntiżi proprju sabiex iwettqu dik is-Saltna, ma jiġux applikati u inforzati. U l-liġijiet iridu jiġu inforzati mill-awtoritajiet vestiti bis-setgħa li jinforzawhom. Dawn l-awtoritajiet ma humiex xi entitajiet astratti moħbija fis-sħab iżda huma magħmula minn persuni u għalhekk ir-rispett tas-Saltna tad-Dritt tistrieħ fuq kemm dawk il-persuni jaqdu d-doveri tagħhom skont il-liġi u konformement mal-prinċipji li semmejt ta' non-diskriminatorjeta', proporzjonalita', rispett tad-drittijiet fondamentali tal-individwu u oħrajn. Jekk il-persuni li jokkupaw dawk il-karigi ma jaqdux id-doveri tagħhom imparzjalment u indipendentement allura tiġi mminata r-*Rule of Law*.

Fis-sistema ġuridiku Malti hemm tlett awtoritajiet li fihom hi vestita s-setgħa li jenforzaw il-liġijiet: il-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Qrati. Il-Qrati, speċjalment f'materja penali, jidħlu fix-xena tal-inforzar tal-liġijiet wara li l-Pulizija u l-Avukat Ġeneral jkunu għamlu d-doveri tagħhom skont il-liġi. Skont l-artikolu 346(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja. Il-Pulizija għalhekk għandha d-dmir li tfittex il-provi u tiġborhom tempestivament u tippreservhom sabiex tressaqhom quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji. Jekk dan ma jsirx il-ġustizzja anqas biss tista' tibda.

L-Avukat Ġenerali imbgħad ingħata s-setgħa li jmexxi l-prosekuzzjoni ta' persuni li kontra tagħhom jinġiebu l-provi. Iżda jekk il-pulizija tonqos milli tfittex, tiġbor u tippreserva l-provi kif trid il-liġi l-Avukat Ġenerali ma jkollux fuq x'hix imexxi. Għal ċerti reati gravi huwa ingħata anki ċerti setgħat ta' investigazzjoni u fejn il-pulizija tonqos allura r-responsabilita' taqa' fuqu iżda jekk azzjoni ma titteħidx allura għal darb'oħra l-ġustizzja ma tistax tibda.

Għandu jingħad li l-investigazzjonijiet ma jsirux biss biex jiskopru jew jikkonfermaw reati allegati iżda jsiru wkoll biex jeżoneraw u jiskolpaw lil dak li jkun li altrimenti jibqa' taħt id-dell tas-suspett. Għalhekk l-investigazzjonijiet jistgħu jkunu għall-benefiċċju tal-persuna suspettata u huma dejjem u fi kwalunkwe każ fl-interess tal-pubbliku.

L-aħħar ħolqa huma l-Qrati li huma l-aħħar balward għall-ħarsien tas-Saltna tad-Dritt iżda jekk l-awtoritajiet li għandhom f'idejhom l-inizjattiva jibqgħu inerti il-Qrati ma jistgħu qatt jaqdu d-doveri tagħhom u jiġu eżawtorati u reżi inkapaċi li jinforzaw il-liġi. L-edifiċċju tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jikkrolla u jibqa' minnu biss ir-rovini. Il-proċess maħsub mil-liġi biex tkun tista' titwettaq is-Saltna tad-Dritt hu wieħed tajjeb u funzjonabbli iżda jippreżumi li l-awtoritajiet li fuqhom jistrieħ il-proċess kollu jagħmlu d-dover tagħhom mingħajr biża jew favur. Nistgħu naħsbu għal sistemi aternattivi u naraw barra minn Malta x'hemm maħsub iżda dejjem u kullimkien kull sistema tiddependi finalment fuq l-integrita' tal-persuni fdati biex iħaddmuha. Fin-nuqqas niġu rinfaċċjati b'montatura, b'faċċata ta' distrazzjoni u aljenazzjoni, mingħajr sustanza.

Is-Saltna tad-Dritt trid li jkun hemm il-piena għal kull min jikser il-liġi. Jekk ikun hemm il-piena għal uħud iżda mhux għal oħrajn allura l-Qrati

ma jibqgħux aktar amministraturi tal-ġustizzja iżda jsiru amministraturi tal-inġustizzja billi jispiċċaw jippenalizzaw lil uħud iżda mhux lil oħrajn. Minflok is-Saltna tad-Dritt ikollna s-Saltna tad-Delinkwenti.

Il-figura tal-Ġustizzja hi deskritta bħala persuna b'għajnejha mgħottija sabiex ma ssirx distinzjoni bejn kbir u żgħir, sinjur u fqir, min hu b'saħħtu u mi hu fraġli, u li f'id waħda għandha x-xabla tas-sanzjoni waqt li fl-oħra għandha l-miżien li jiżen il-provi. Hi figura rassiguranti għaċ-cittadini kollha li tispira tama, fiduċja u serħan tal-moħħ għaliex twiegħed trattament ugwali ma' kulħadd. Iżda immaġinaw dik il-figura mingħajr l-għamad, biex tkun tista' tiddistingwi bejn persuna u oħra, iżda bix-xabla miżmuma fl-għoli, u araw jekk dik il-figura tibqax waħda rassiguranti jew issirx figura li tbeżża u inkwetanti, li tispira qtiegħ-il qalb u sfiduċja, u flok simbolu tal-ġustizzja ssir karikatura tagħha.

Għamilna progress kbir biex navvanzaw l-uġwaljanza f'diversi oqsma soċjali. Hu tajjeb li nipproklamaw u niċċelebraw l-ugwaljanza fid-diversi setturi iżda primarjament l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi għandha tkun il-mira essenzjali għaliex l-ugwaljanzi l-oħra ma huma xejn ħlief espressjoni settorjali ta' l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi sabiex tiġi mħarsa s-Saltna tad-Dritt. U l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi huwa prinċipju elementari indispensabbli ta' kull demokrazija

moderna għaliex mingħajru ma hemmx demokrazija. Mhux ma hemmx demokrazija vera, iżda ma hemmx demokrazija, punto. Mingħajr l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi saħansitra l-valuri tal-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Ġudikatura jiġu svojtati minn kull sustanza għaliex l-Ġudikatura tiġi kostretta tamministra l-ġustizzja ma' wħud iżda mhux ma oħrajn.

Għaldaqstant, hu meħtieġ li s-Saltna tad-Dritt tiġi mħarsa minn kull tnaqqir għaliex it-tnaqqir eventwalment iwassal għat-tiġrif. Għaliex hekk tista' tintemm is-Saltna tad-Dritt, mingħajr anqas biss nintebħu: tintemm mhux bi splużżjoni, iżda bi tnehida (b'apoloġija lil T.S. Elliot).

Dak li għandi xi ngħid fuq is-Saltna tad-Dritt u għal-llum ser nieqaf hemm.

Insellmilkom.

S. Camilleri
Prim Imħallef

2 ta' Ottubru 2017